MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 498/2005

**Paul u Giovanna konjugi Rapinett**
**557832(M) u 631235(M)**

**Vs**

**Spira Ellul u Joanne Ellul**
**791254(M) u 149278(M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ Lm312 (tlett mija u tnax-il lira Maltin) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ *household appliances* mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti fit-30 ta’ Novembru 1998 u dati ohra wara.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm312 (tlett mija u tnax-il lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------